MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 458/1987/1

Avukat Dr. Edward Woods LL.D. ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited, u dina sew propju kif ukoll bhala agenti u in rappresentanza ta' Continental Insurance, li permess tad-ditta Mediterranean Insurance Brokers Limited, illum maghrufa bhala MIB Holding Limited, Malta, assikurat merkanzija importata mad-ditta J.P. Baldacchino and Company Limited, li waslet Malta fuq il-vapur 'IBN KHALLIKAN' li wasal Malta fl-4 ta' Gunju, 1986
vs
Godwin Abela u John Cavallo ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine a fol 1 tal-process li biha ppremetta:

Billi d-ditta J.P. Baldacchino and Company Limited, importat gewwa Malta (ara isfel dwar korrezzjoni) erbgha u tletin (34) ‘pallets’ jew seba’ mija u tlieta u sebghin (773) rolls ‘Welded Wire Mesh’ mic-Cina fuq il-vapur ‘IBN KHALLIKAN’, li wasal Malta fl-4 ta’ Gunju 1986.

U billi meta l-vapur gie skarikat Malta mid-ditta konvenuta The Cargo Handling Company Limited u l-merkanzija giet kunsenjata lill-importatur instab illi numru ta’ rolls minn din il-merkanzija kellu l-hsara, u dan in-nuqqas kien relattiv ghal poloz tal-kariku numru 3201 (Dok.A).

U billi ghal din in-nuqqas is-socjeta` Mediterranean Insurance Brokers Limited hallset fl-interessi tas-socjeta` estera li assikurat il-markanzija Continental Insurance, is-somma ta’ tliet mija u tletin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm330.97) u ghalhekk id-ditta assikurattrici surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok B).

U billi l-istess socjeta` assikuratrici appuntat lid-ditta Mediterranean Survey Bureau Limited bhala sabiex tagixxi ghaliha bhala ‘recovery agents’.

U billi d-ditta konvenutai hija responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq indikat.

Illi ghalhekk l-istess attur nomine talab lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta J.P. Baldacchino & Company Limited.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm330.97 bl-interessi skond il-ligi mit-30 ta’ Ottubru, 1986 in linea ta’ danni sofferti mill-assikurat u li ssurroga d-drittijiet tieghu kif intqal.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenuti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Godwin Abela et nomine a fol 10 tal-process li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenuti nomine ma ghandhom ebda relazzjoni guridika kwalunkwe mal-atturi proprio et nomine.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-permess, ic-citazzjoni attrici hija nulla stante ma hijiex indikata fil-grad rikjest mill-ligi l-identita` ta' uhud mill-atturi u wkoll tas-socjeta` assikuratrici, li ma hijiex parti fil-kawza.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess, ghandha tigi esibita l-allegata prokura msemmija mill-underwriters, kif ukoll l-identita` tal-istess underwriters, li kuntrarjament ghal dak rikjest mill-ligi, lanqas huma parti fil-kawza, u anke ghalhekk ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett.

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ikkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mill-ligi.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-25 ta' Ottubru, 2001 ta' Dr. Victor Zammit [li zmien minnhom kien gie mahtur perit legali] fejn Dr. Victor Zammit ipprezenta xi atti ghall-fini tar-rikostruzzjoni tal-process.

Rat ir-rikors tal-attur nomine ipprezentat fis-27 ta' Jannar, 2004 fejn talab korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li l-kliem u cifra "seba mija u tlieta u sebghin (773) jigu sostitwiti bil-

kliem u cifra “tmien mija u ghoxrin” (820) u dan minghajr il-bzonn li ssir notifika mil-gdid; u r-risposta tal-konvenut nomine tal-25 ta’ Frar, 2004 fejn il-konvenut nomine oppona ghal-tali korrezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**PROVI:**
Il-Qorti f’dan l-istadju ser tiddeciedi r-rikors maghmul mill-attur nomine fis-27 ta’ Jannar, 2004 fejn wara li l-kawza kienet differita ghas-sentenza talab li jsiru l-korrezzjonijiet hemm indikati [li l-kliem u cifra “seba’ mija u tlieta u sebghajn (773)” jigu sostitwiti bil-kliem u cifra “tmien mija u ghoxrin (820)”] ghal liema rikors u talba l-konvenut nomine kien qed jopponi.

Illi l-artikolu relattiv ghal din it-talba huwa l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi s-segwenti:
**175.** (1) Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet, wara li tisma’ meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta’ fatt jew ta’ dritt ukoll permezz ta’ nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

B’riferenza ghall-kaz in ezami l-Qorti thoss li ghandha tenfasizza l-kliem: “Il-qorti tista’, f’kull waqt tal-kawza, qabel is- sentenza, wara talba ta’ wahda mill-partijiet….. tordna s-sostituzzjoni ta’ xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi...... billi jissewwa kull zball iehor….. sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-

azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza." Il-Qorti tista' u ghandha dejjem tawtorizza korrezzjonijiet meta dawn ma jippregudikawx id-drittijiet tal-kontendenti.

Fil-kawza fl-ismijiet Emmanuel Calleja vs Nazzareno Calleja deciza fit-22 ta' Frar 2000 minn din il-Qorti kif presjeduta ntqal:
"Hawn l-attur sostna li jista' jirrimedja bl-applikazzjoni tal-artikolu 175 tal-Kap 12 li f'xi kazijiet tista' tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi. Izda il-ligi issemmi fejn dan hu permess u tibda billi tipprovdi ghal kazijiet li fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku. Tipprovdi wkoll biex jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru. Dan irid isir dejjem kif tispecifika l-ligi. Infatti fil-kawza Dr. Stephen Thake vs Fabian Saliba deciza mill-Qorti tal-Appell gie ritenut li l-partijiet iridu jirrizultaw mill-occhio, u s-sentenza li tinghata taghmel stat u torbot biss lil dawk il-persuni li jkunu imsemmija fl-occhio. Il-fakulta' moghtija mill-art 175 tal-Kap 12 ma testendix ghall-korrezzjoni tal-occhio mill-Qorti tal-Appell.

Fl-artikolu 175 jissemma wkoll li l-Qorti tista' tordna l-korrezzjoni billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l- eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza. Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell [Kummercjali] fit-12 ta' Dicembru, 1994 fil-kawza fl-ismijiet Elizabeth Calabrese vs Ersilia Bigeni il-Qorti qalet:
"Il-limitu huwa senjalat fil-frazi:
……basta li l-ebda tibdil bhal dan ma jkun biddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni;

Id-diffikulta` li generalment tinholoq fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu taggira dejjem madwar din il-limitazzjoni….Il-qofol qieghed fil-precizazzjoni li timporta l-kelma "fis-sustanza". Din tindika li kull bidla ta' xi dettal ta' xi haga marginali, incidentali, imma mhux **materja ta' sustanza jew li taffetwa s-sustanza**;"

Illi din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet Paul Spiteri vs Francis Spiteri deciza fil-15 ta' April, 1999 kienet qalet dwar dan l-artikolu tal-Ligi is-segwenti:
"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-konvenut seta' kellu ragun, dwar ir-rigorozita' tal-ligi, meta per zball mill-attur, kif jidher li sar f' din il-kawza, kieku l-Artikolu 175 baqa' kif kien qabel l-emendi li saru *inter alia* fl-istess artikolu bl-Att XXIX tal-1995.

Dan peress li l-korrezzjonijiet li issa jistghu isiru fl-atti tal-kawzi huma hafna iktar ampji minn dawk permessi qabel is-sena 1995, u dawn kollha intizi sabiex jirrendu l-ligi effikaci u immirata ghall-gustizzja sostantiva fuq il-mertu tal-kaz, u ghalhekk aktar vicin il-kwistjoni fil-mertu, minflok dak il-formalizmu u rigorozita` fil-procedura esegerata, li jirrendu l-procedura superjuri ghas-sustanza u kwindi loghba gudizzjarja li tissupera l-obbjettiv u n-nukleu tal-ligi sostantiva li fiha nnifisha ggib reazzjoni tal-gustizzja. Dan ma huwa xejn hlief promulgazzjoni ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti nostrali, fejn naqra naqra dahlet kultura soda u kostanti kontra l-formalizmu stringenti, li kien qed jirrendi l-procedura suprema fuq il-ligi sostantiva, u b' tali sentenzi, illum sanati bil-promulgazzjoni tal-emendi tas-sena 1995, issanaw il-pozizzjoni logika li l-ligi tal-procedura hija intiza biss sabiex isservi biex jintlahaq il-grad necessarju ta' gustizzja fil-ligi sostantiva, u ghalhekk il-ligi tal-procedura hija biss l-ghodda biex jintlahaq tali skop, u mhux il-finalizzazzjoni tal-istess (Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et) – Citazzjoni numru 831/97/RCP deciza fit-28 ta' Ottubru 1998.

Taht dan l-aspett wiehed jinnota *inter alia* li qabel l-1995 il-Qorti setghet tordna korrezzjoni "**basta li ebda tibdil** bhal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni". Kieku baqghet hekk, l-argument migjub mill-konvenut huwa veru b' sahhtu u difficli li jigi skartat.

Pero' s-sitwazzjoni hija llum differenti, stante li llum il-pozizzjoni skond l-istess artikolu hija li tali sostituzzjoni jew tibdil jista' jsir jekk "ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq **il-mertu tal-kawza**".

Illi minn dan jidher car li l-enfasi mill-1995 'l hawn ma baqghetx fuq is-sustanza tal-eccezzjoni nnifisha, izda dwar l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza, u ma hemm ebda dubju, li l-eccezzjoni li nghatat mill-konvenut, kif sostna huwa stess hija wahda preliminari, dwar nullita' ta' citazzjoni, u ma timpinghiex u ma tbiddilx il-mertu tal-kawza, li xorta bil-korrezzjoni u minghajra jibqa' l-istess. Fil-mertu tal-kawza l-konvenut, bil-korrezzjoni u minghajra ma huwiex ser jigi ippregudikat. F'dan il-kuntest, l-emendi li saru fl-1995 huma sinifikattivi u determinanti, u juru b' mod car id-differenza fl-enfasi li ghamlet tali ligi mis-sustanza tal-eccezzjoni nnifisha, (sew jekk procedurali, sostantiva jew fuq il-mertu), ghas-sustanza tal-eccezzjoni **biss** jekk timpingi fuq il-mertu tal-kawza nnifisha".

Ukoll fid-digriet ta'<u> din il-Qorti [Imh G Camilleri] tal-14 ta' Lulju 2000 fl-ismijiet Zerafa Dominic et vs Buhagiar Carmela et</u> gie deciz li l-ligi taghna tipprovdi lill-partijiet f'kawza jitolbu li jsiru korrezzjonijiet fl-atti tal-kawza, u li l-Qorti ghandha tilqa' din it-talba jekk ma jkunx hemm pregudizzju lill-partijiet. Il-Qorti f'dan id-digriet spjegat li l-provvedimenti tal-artikolu in kwistjoni ghandhom jinghataw fejn possibli, interpretazzjoni wiesa' u fejn hu opportun u fejn hu permess mill-ligi, korrezzjoni, anke fl-okkju ghandha dejjem tigi awtorizzata.

Tali emenda ghalhekk hija fatali ghall-verzjoni tal-konvenut, u ghalhekk tali korrezzjoni kif mitluba, tista' tigi akkordata, u qed tigi akkordata skond l-Artikolu 175 tal-Kap 12, in virtu` tal-emendi fuq citati.

Illi l-attur nomine fir-rikors tieghu iddikjara illi fic-citazzjoni hemm indikat "li l-assikurat importa 34 pallet b'773 rolls wire minflok f'820 rolls wire kif jidher min dokumenti li jinsabu fl-atti ta' din il-kawza, inkluz il-polza tal-karigu". Illi jidher car ghalhekk illi l-korrezzjoni mitluba ma hija bl-ebda mod ser taffettwa s-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

Illi l-attur nomine talab ukoll fl-imsemmi rikors li f'kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba tieghu, hija ma tordnax in-notifika mill-

gdid tac-citazzjoni u dan peress illi tali korrezzjoni ma tippregudikax id-drittijiet tal-konvenuti. Il-konvenut nomine min-naha tieghu oppona anke ghal dan il-fatt billi talab li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni kif mitluba, huwa jigi notifikat mill-gdid.

Illi l-attur nomine in sostenn tat-tezi tieghu jiccita s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Michael Mallia nomine vs Carmel Debono noe deciza fit-13 ta' Frar, 1997. Dik il-kawza kienet tittratta dwar korrezzjoni ta' zball f'data indikata fic-citazzjoni.

Illi din il-Qorti ma tarax il-htiega li f'dan il-kaz l-atti *una volta* korretti jigu notifikati mill-gdid lill-konvenut nomine u dan ghaliex f'kaz li kellha taghmel hekk, implicitament tkun qeghda tghid illi l-konvenut kien ser jigi pregudikat u ghalhekk kienet tkun qed taghtih l-opportunita' li jipprezenta eccezzjonijiet godda fuq il-meritu. Hawn ma ghandniex kaz ta' notifika ta' partijiet godda wara l-korrezzjoni, jew kaz ta' ri-appuntar tal-kawza wara kancellament jew *sine die*. Ukoll ic-citazzjoni kellha annessa maghha tlitt Dokumenti: 1 Polza tal-Kariku 3201 [Bill of lading], Ricevuta u surroga, Certifikat tad-Dwana; minn dawn id-dokumenti jirrizulta car li l-ammont li suppost wasal kellu jkun ta' 820 u ghalhekk il-konvenut nomine kien jaf mill-bidu tal-kawza li l-meritu kien dan. Dwar dan l-aspett il-Qorti tirrileva li fil-fatt l-iskop tal-korrezzjoni kien li wiehed jaghmel l-affarijiet aktar cari minn dak li kienu. Infatti l-Qorti kienet gja fehmet kompletament it-talba attrici qabel ma biss saret it-talba ghall-korrezzjoni. Dan hu motiv iehor ghaliex il-Qorti thoss li ma hemmx skop ghal notifika gdida. L-intenzjoni tal-legislatur kienet wahda li tippermetti korrezzjoni fi kwalunkwe stadju tal-kawza, qabel ma tinghata s-sentenza basta pero` tali "sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza".
Illi ghalhekk, in vista tal-premess, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba ta' l-attur. Konsegwentement ghalhekk il-Qorti qeghda tordna a tenur ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex kull fejn hemm indikat fl-atti ta' din il-kawza il-kliem u c-cifra "seba' mija u tlieta u sebghajn

(773)" jigu sostitwiti bil-kliem u c-cifra "tmien mija u ghoxrin (820)". Ma hemmx ghalfejn notifika gdida tac-citazzjoni kif korretta.

Rat illi fis-17 ta' Gunju 1991 l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc qalet: "Illi bl-ewwel eccezzjoni qieghed jigi eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenuti nomine ma ghandhom ebda relazzjoni guridika kwalunkwe mal-atturi proprio et nomine.

Din l-eccezzjoni ma gietx bl-ebda mod sostnuta, billi mill-atti processwali jidher li din hi azzjoni ta' rivalza li qieghda ssir kontra s-socjeta` konvenuta minhabba nuqqas ta' konsenja ta' xi merkanzija appartenenti lis-socjeta` J.P. Baldacchino & Company Limited li kellha tasal ma merkanzija ohra fuq il-valur IBN KHALLIKAN li wasal f'Malta fl-4 ta' Gunju 1986.

Jidher li din is-socjeta` importatrici assikurat il-merkanzija in kwistjoni mas-socjeta` attrici The Continental Insurance Company Limited, li wkoll tidher bhala attur f'din il-kawza. Jidher ukoll li l-assikurat importatur thallas ghat-telf li sofra u issurroga lill-attur nomine fid-drittijiet tieghu.

Illi n-nuqqas imsemmi qed jigi attribbwit li hu responsabilita` tas-socjeta` konvenuta – jidher li relazzjoni guridika bejn din is-socjeta` konvenuta u l-attur nomine effettivament tezisti.

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni lok il-konvenuti eccipew li c-citazzjoni attrici hija nulla stante ma hijiex indikata fil-grad rikjest mill-ligi l-identita` ta' uhud mill-atturi u wkoll tas-socjeta` assikuratrici, li ma hijiex parti fil-kawza.

Stante li l-konvenuti nomine ma spjegawx ezattament x'iridu jfissru b'din l-eccezzjoni li taw fil-kawza odjerna li tidher li pjuttost differenti minn kawzi ohra fejn kienet involuta bhala socjeta` attrici il-Corporation of Lloyd's din il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi fit-tielet lok il-konvenuti eccipew li ghandha tigi esebita l-allegata prokura msemmija mill-underwiters, kif ukoll l-identita` ta' l-istess underwriters, li kontrarjament ghal dak rikjest mill-Ligi, l-anqas huma parti fil-kawza, u anke ghalhekk ic-citazzjoni attrici hija nulla u bla effett.

L-istess kumment maghmul dwar it-tieni eccezzjoni fil-fehma tal-Qorti, jghodd ukoll ghal din l-eccezzjoni li wkoll ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine, thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-seduta tal-25 ta' Novembru 1991.

L-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu a kariku tal-konvenut nomine.

Illi ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti trid tezamina r-raba' eccezzjoni u cioe' li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ikkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mill-ligi.

Skond il-provi li jinsabu fil-process odjern, l-unici xhieda li xehedu f'dawn il-proceduri kienu Pierre Cauchi, Brian Taylor, Saviour Vella, Saviour Borg ilkoll prodotti mill-attur nomine u Peter Bonello prodott mill-konvenut nomine.

Illi <u>Pierre Cauchi</u> – releasing officer mad-Dipartiment tad-Dwana, xehed li mal-wasla tal-vapur Malta kien irrilaxxja 34 pallet welded wire mesh u dan kif irrizulta mill-Free Entry 1263 tas-6 ta' Gunju, 1986. Fit-12 ta' Frar, 1992 illi huwa irrilaxxja biss 773 rolls li kienu sorguti fuq 34 pallet min Shed 2 fid-Deep Water Quay, il-Marsa. Illi d-dokument immarkat bl-ittra "C" a fol. 7 tal-process taht it-titolu Customs House, jindika li effettivament 773 rolls kienu gew rilaxxjati lil J.P. Baldacchino. Dan ix-xhud dwar il-konsenja tal-merkanzija jghid illi "meta giet ghandi mill-

Cargo Handling, il-merkanzija kellha 47 rolls neqsin”. Illi meta effettivament ix-xoghol gie rilaxxjat kien hemm prezenti rapprezentant tal-Cargo Handling u dan ghaliex waqt li l-merkanzija tkun fit-“tinda l-merkanzija hija responsabbilita` tal-Cargo Handling”. Il-merkanzija damet fis-Shed 2 minn mindu inhattet sat-12 ta’ Gunju, 1986.

Illi Brian Taylor – General Manager tas-socjeta` Mediterranean Underwriting Managers Limited u M.I.B. Limited xehed illi s-socjeta` minnu rapprezentata bhala underwriting agents tal-Continental Insurance Company hallset lil sid il-merkanzija u cioe` lil J.P. Baldacchino s-somma ta’ tlett mija u tletin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm330.97) u dan minhabba *damage to the cargo* li kien hemm fil-merkanzija in dizamina. Mid-dokument immarkat bl-ittra “B” a fol 6 tal-process jirrizulta li l-hlas da parti ta’ din is-socjeta` sar minhabba “non-delivery” ta’ 34 rolls. Dan ix-xhud jghid illi minn meta giet intavolata c-citazzjoni sal-lum, is-socjeta` minnu rapprezentata ghadha ma rcevietx il-pagament relattiv ghal dan il-hlas.

Illi Saviour Vella – direttur tas-socjeta` Emm. Vella & Sons Ltd jghid illi s-socjeta` minnu rapprezentata kienet il-burdnara li garret il-merkanzija meritu ta’ din il-kawza. Illi din is-socjeta` hadet hsieb il-preparazzjoni tad-dokumenti mad-Dwana u li jircievu l-istess merkanzija indikata fid-dokumenti moghtija lilha mill-klijenti taghha f’dan il-kaz l-attur nomine fil-presenza ta’ ufficjal tad-Dwana u tal-Cargo Handling. Dan ix-xhud gie muri dokument SV 1 li fih hemm indikat li f’Malta dahlu 820 rolls, “pero mhux ghax min mela dan id-dokument ra huwa stess dawn il-pallets”. Aktar l-isfel fid-dokument immarkat bl-ittri SV hemm imnizzel li s-socjeta` minnu rapprezentata sabet 47 rolls ta’ wire-mesh neqsin u dan ghax ghaddhom huwa stess.

Illi Saviour Borg – store-keeper mas-socjeta` J.P. Baldacchino & Co. Ltd. esebixxa kopja tal-polza tal-karigu ta’ din il-merkanzija – li bi sfortuna kbira ukoll tali dokument immarkat bl-ittri JPB 1 ma tinstabx inserita fl-atti. Illi allegatament din il-polza ma fiha ebda rimarki dwar nuqqasijiet jew hsarat. Interessanti pero` li dan ix-xhud

allegatament esebixxa dokument iehor li gie immarkat bhala Dok. JPB 2 li jikkonferma li s-socjeta` J.P. Baldacchino & Co. Ltd. irceviet 34 pallets pero` minflok "820 rolls komplessivament kien hemm seba' mija tlieta w sebghin (773) rolls". Illi din l-istess socjeta` thallset ghal dawn in-nuqqasijiet u cioe` ghax-shortage fid-delivery ta' 47 rolls is-somma ta' Lm330.97c u dan mis-socjeta` assikuratrici taghhom.

Illi l-konvenut nomine ressaq lil Peter Bonello – ir-rapprezentant legali tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited – liema xhieda saret bil-procedura ta' l-affidavit. Dan ix-xhud spjega li s-socjeta` minnu rapprezentata kellha r-responsabilita` li zzomm il-merkanzija li kienet waslet Malta fl-4 ta' Gunju 1986 fuq il-vapur *'Ibn Khallikan'* liema merkanzija kienet tikkonsisti f'erbgha u tletin pallets "wire mesh" li kienu jikkonsistu f'seba' mija u tlieta u sebghin rolls. Semma li l-konsenja kienet damet ghand id-ditta konvenuta sat-12 ta' Gunju 1986 total ta' tmient ijiem. Qal li s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited kienet irrilaxxjat l-istess ammont ta' materjal daqs kemm kien gie kkonsenjat lilha u cioe` l-ammont ta' 773 rolls u ma rrizultax li kien hemm dannu fil-konsenja meta giet rilaxxjata. Qal ukoll li l-konsenja kienet giet stivata mis-socjeta` konvenuta f'Shed 2 fil-maghluq u ghaldaqstant il-merkanzija kienet giet stivata f'post sikur.

Illi dan ix-xhud ghamel referenza ghal dokument immarkat bhala Dok. PB 3 u li huwa il-Gate Pass Out numru A 120965 iffirmat minn addett mas-socjeta` minnu rapprezentata u minn rapprezentant tas-socjeta' attrici. Dan id-dokument pero` ma jinsabx fl-atti ta' din il-kawza.

Illi b'dispjacir kbir din il-Qorti tinnota n-nuqqas kbir tal-partijiet f'din il-kawza konsistenti fin-nuqqas ta' gbir ta' provi, zbalji, u n-nuqqas ta' dokumentazzjoni allegatament inserita fl-atti. Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif il-partijiet ittrattaw il-kawza bla ma flew il-process u raw u hadu nota ta' dawn il-mankanzi kollha meta ittrattaw il-kawza fl-1 ta' Dicembru, 2003 u awtorizzaw lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura. Huwa l-obbligu tal-

partijiet li jaraw illi l-atti ikunu kompilati fl-intier taghhom u zgur ma huwiex id-dover ta' din il-Qorti li toqghod tigri wara d-dokumenti nieqsa.

Illi din il-Qorti kif preseduta, tirrileva illi l-atti ta' din il-kawza gew assenjati lilha b'digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta tas-17 ta' Ottubru, 2002 u cioe` hmistax-il sena wara li din l-istess kawza kienet giet intavolata u d-dokumentazzjoni salv u b'eccezzjoni ghad-dokument immarkata bl-ittri Dok. PB 3 imsemmi minn Peter Bonello kienet giet kollha ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament ippreseduta. Illi dwar dan id-dokument immarkata bhala Dok. PB 3 imsemmi fl-affidavit ta' Peter Bonello ma jirrizultax mill-atti li dan gie effettivament ipprezentat (ara fol 154 tal-process).

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi minkejja dawn in-nuqqasijiet il-Qorti hija tal-fehma, u dan kif sorretta mix-xhieda hawn fuq indikati, illi kien hemm 34 pallets (S.T.C820) rolls mibghuta minn Hong Kong abbord il-bastiment IBN KHALLIKAN lis-socjeta` J.P.Baldacchino & Co. Ltd. kif indikat fil-Bill of Lading esebita fl-atti bhala Dok. A a fol. 5 tal-process. Illi mill-provi **kif prodotti u li jinsabu fil-process** jirrizulta li l-attur nomine gie moghti mill-konvenut nomine 34 pallets (773) rolls flok it-820 rolls li kienu waslu Malta u dana kif jidher mid-dokument a fol 168 tal-process. Illi b'hekk jirrizulta illi s-socjeta` J.P.Baldacchino & Co. Ltd inghatat 47 rolls nieqsa, u ta' dan in-nuqqas is-socjeta` assikurattrici tal-attur nomine hallsitha s-somma ta' Lm330.97 u dan fit-30 ta' Ottubru, 1986. In oltre, jirrizulta ukoll ippruvat illi r-responsabbilita` ghal dawn ir-rolls meta gew impurtati f'Malta u inzammu fis-Shed 2 fid-Deep Water Quay, kienet biss tal-konvenut nomine.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghall-motivi fuq imsemmija tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti nomine, u taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuti nomine huma responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mid-ditta J.P. Baldacchino & Co. Ltd. u tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' tlett mija u tletin lira u sebgha u disghin

centezmi Maltin (Lm330.97) bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna u cioe` mit-2 ta’ Gunju, 1987.

L-ispejjez kollha inkorsi f’dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------